32004D0319

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Marzu 2004

li temenda l-Anness I għad-Deċiżjoni 2003/804/KE li twaqqaf il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u l-kriterji taċ-Ċertifikazzjoni għall-importazzjoni ta' molluski, il-bajd u l-gamete tagħhom għat-tnissil, is-simna, it-tqassim u l-konsum mill-bniedem

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 1076)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/319/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw it-tpoġġija fis-suq ta' annimali u prodotti ta' l-akwakultura [1], u l-aktar l-Artiklu 19(1) miġjub fiha,

Billi:

(1) Hemm lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimpurtaw molluski ħajjin, il-bajd u l-gamete tagħhom għat-tnissil, is-simna, it-tqassim jew il-konsum mill-bniedem fil-Komunità, waqt li bid-Deċiżjoni 2003/804/KE [2] kienu tfasslu mudell ta' ċertifikati li għandhom jakkumpanjaw dawn il-kunsinni.

(2) Fiż-Żmien ta' l-addozzjoni tad-Deċiżjoni 2003/804/KE, l-ebda pajjiż terz ma seta' jitniżżel fl-Anness I għad-Deċiżjoni.

(3) Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 91/67/KEE, il-kriterji tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni ta' annimali ta' l-akwakultura fil-Komunità minn pajjiżi terzi ma tbiddlux. Waqt li jiddependu mit-twaqqif ta' kriterji ta' ċertfikazzjoni armionizzati, l-Istati Membri huma responsabbli biex jiżguraw li l-importazzjonijiet ta' annimali u prodotti ta' l-akwakultura ta' dawn minn pajjiżi terzi jkunu jiddependu minn kundizzjonijiet li jkunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk li jgħoddu għat-tpoġġija fis-suq ta' prodotti tal-Komunità, fi qbil ma' l-Artiklu 20(3) tad-Direttiva 91/67/KEE.

(4) Għalhekk, bejn ċerti pajjiżi terzi u ċerti Stati Membri hemm kummerċ għaddej ta' molluski bilvavi ħajjin għall-konsum mill-bniedem. Dan il-kummerċ jista' jitwaqqaf kompletament mill-1 ta' Mejju 2004 'il quddiem, meta d-Deċiżjoni 2003/804/KE tidħol fis-seħħ.

(5) Biex ma jitwaqqafx bla bżonn il-kummerċ li għaddej minn pajjiżi terzi, dawk l-Istati Membri li jkunu sabu li dawn ikunu qed iħarsu kundizzjonijiet li huma mill-inqas ekwivalenti għal dawk li jgħoddu għat-tpoġġija fis-suq fil-Komunità, ċerti pajjiżi terzi għandhom jiddaħħlu fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni għal perjodu interim, waqt li jkunu jiddependu mit-tkomplija ta' spezzjonijiet fuq il-post imsejħa bir-regoli tal-Komunità.

(6) Din il-lista temporanja għandha tkun ristretta għall-importazzjoni ta' molluski bilvalvi ħajjin għall-konsum mill-bniedem biss, minn inħawi awtorizzati skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/492/KEE [3].

(7) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2003/804/KE qed jinbidel bl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tkun tgħodd mill-1 ta' Mejju 2004.

[1] ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-a]]ar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1.)
[2] ĠU L 302, tal-21.11.3, p. 22.
[3] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-a]]ar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

"L-ANNESS I

Territorji li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni ta' ċerti speċi ta' molluski ħajjin, il-bajd u l-gamete tagħhom maħsuba għat-tnissil, is-simna, jew it-tqassim fl-ibħra tal-Komunità Ewropea

Pajjiż		Territorju		Kriterji speċifiċi (1)		Kummenti (2)
Kodiċi ta' l-ISO	Isem	Kodiċi	Deskrizzjoni	Bonamia ostreae	Marteilia refrin-gens	
CA	Il-Kanada (3)			LE	LE	Molluski bivalvi ħajjin għall-mill-bniedem biss konsum (3)
HR	Il-Kroazja (3)			LE	LE	Molluski bivalvi ħajjin konsum (3) għall-mill-bniedem biss
MA	Il-Marokk (3)			LE	LE	Molluski bivalvi ħajjin għall-mill-bniedem biss konsum (3)
NZ	In-New Zealand (3)			LE	LE	Molluski bilvalvi ħajjingħall-mill-bniedem biss konsum (3)
TN	It-Tuneżija (3)			LE	LE	Molluski bilvalvi ħajjingħall-mill-bniedem biss konsum (3)
TR	It-Turkija (3)			LE	LE	Molluski bivalvi ħajjingħall-bniedem konsum biss (3)
US	L-Istati Amerika Uniti (3) ta' l-			LE	LE	Molluski bivalvi ħajjingħall-mill-bniedem biss konsum (3)

(1) Ivajew Le, skond kif meħtie[, jekk ir-tazzett, iż-żona kostali jew kontinentali magħżula jkunux [ew approvati mill-awtorità ċentrali kompetenti tal-pajjiż esportatur bhala territorju li jilhaq ukoll il-kriterji speċifiċi tas-saħħa ta' l-annimali.

(2) Għall-introduzzjoni fiż-żoni tal-Komunità uu bħala razzett li jkollu programm jew stat approvat mill-Komunità dwar il-Bonamia ostreae u/jew il-Marteilia refringens.

(3) L-ebda limitazzjonijiet jekk jitħallew vojta. Jekk pajjiż jew territorju jitħalla jesporta biss ċerti speċi u/jew bajd jew gamete, l-ispeċigħandhom ikunu speċifikati u/jew kumment bħal, per eżempju bajd biss', għandu jiddaħħal, f'din il-kolonna.Lista temporanja għall-għan ta' importazzjoni għall-konsum mill-bniedem biss. Jannar 2005."